Minuti tal-Laqgħa Nru. 58 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa<br>Is-Sur Victor Caruana |
| Skużati | Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Dr. Frank Psaila |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Performace Bonus tal-Istaff
5. Tenders ta Resurfacing u Patching
6. Proġett tad-Daycentre
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana qal li dwar paragrafu 3.4 xorta ma kellux isir il-pagament peress li dan imur kontra r-regolamenti min kif infurmat il-Kunsillier. Is-Segretarju informa li huwa kien qed joqgħod fuq direzzjoni li kienet ingħatat min naħa tal-perita stess bħala persuna teknika. Din id-direzzjoni kienet ingħatat f' email datata 17 ta' Mejju 2011.

2.2 Is-Segretarju irrisponda li huwa kien qed joħroġ dan il-pagament skont provisti li tagħti l-liġi stess. Huwa irrisponda wkoll li min naħa tiegħu kien qed jirrispondi għar rapport li kien mgħoddi lilu mill-Bord tal-Gvernanza fuq diversi akkużi. Is-Segretarju qal wkoll li dwar l-akkużi kien qed jinforma l-Avukat tal-Kunsill. Huwa qal li d-deċiżjoni dwar il-pagamenti jekk hux tajba jew ħażina għandha tiddeċidiha min naħa tal-Bord tal-Gvernanza stess.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana tkellem rigward il-capstan li hemm bħalissa fejn qed isir ix-xogħol ta Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Huwa ssuġġerrixxa biex isir restawr ta dan il-capstan u anki jingħata post xieraq. Huwa kien tal-fehma biex inkellmu lis-John Hili biex jagħti opinjoni fuq dan ir-restawr.

3.2 Il-Viċi Sindku rrisponda li diġa kien hemm kuntatt ma Transport Malta fuq dan il-każ imma huma infurmawh li mhumiex li joffru trasport biex dan jittieħed għar restawr. Konna imbagħad kellimna l-kuntrattur u qal li dan se jerġa jpoġġih fuq il-post.

3.2 Is-Segretarju informa li l-Kunsill kien irċieva rifużjoni relatata mal-attivita kulturali li saret

3.3 Is-Segretarju semma li kien se jkun hemm Business Breakfast li se jkollu x' jaqsam dwar fondi tal-Unjoni Ewropea. Huwa qal li se jkun qed jagħti aktar dettalji lil dawk il-Kunsilliera interessati li jattendu.

3.4 Is-Segretarju qal li kien hemm seminar li jirrigwarda l-karozzi tal-elettriku u l-installazjoni ta charging pillars ġewwa l-lokalitajiet. Huwa qal li r-residenti se jingħataw karozzi tal-elettriku sabiex huma jużawhom u jagħtu l-opinjoni tagħhom fuqhom. Bħala Kunsill irid jagħti l-preferenza tiegħu fejn se jkunu installati l-lighting pillars. Il-Kunsill issuġġerrixxa biex il-lighting jiġu installati fi Triq id-9 t' April.

## 4.0 PERFORMANCE BONUS TAL-ISTAFF

4.1 Is-Segretarju tkellem dwar l-evalwazzjoni tal-istaff tal-Kunsill bħala ħidma. Huwa qal li bħala staff juri interess fuq ix-xogħol tal-Kunsill u anki jżomm follow up. Huwa qal ukoll li bħala risposti u telefonati dawn dejjem jaslulu. Min naħa tiegħu s-Segretarju wera li huwa sodisfatt bil-ħidma tal-istaff tal-Kunsill u ppropona biex jingħataw il-performance bonus kollu lilhom stipulat mill-Liġi.

4.2 Is-Segretarju ħareġ mill-kamra sabiex il-membri tal-Kunsill jkunu jistgħu jiddiskutu fuq il-performance bonus tiegħu. Wara li saret id-diskussjoni neċessarju s-Sindku informa lis-Segretarju li l-Kunsill ħass li huwa għandu jingħata l-performance bonus full kif stipulat mill-Liġi flimkien ma dak tal-Istaff.

## 5.0 TENDERS TA RESURFACING U PATCHING

5.1 Is-Sindku semma li kienu inħarġu t-tenders biex isir xogħol ta patching u resurfacing ta toroq f' Ħal Farruġ. Is-Sindku semma li dwar it-tender tar-resurfacing kien hemm biss tender wieħed li kien dak tal-Asfaltar. Huwa qal li peress li ma kienx hemm offerti oħrajn kellu jintgħażel dan it-tender.

5.2 Dwar it-tender tal-patching kien hemm żewġ offerti li kienu dik ta Fabio Bonavia u dik ta Stephen Tonna. Huwa semma li l-offerta ta Stephen Tonna kienet ħafna għola minn dik ta Fabio Bonavia. Huwa semma li l-Kunsill irid joqgħod fuq l-aktar offerta vantaġġjuża li f' dan il-każ kienet dik ta Fabio Bonavia. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu mar-rakkomandazzjoni tas-Sindku. Is-Sindku qal li huwa se jipprova l-kuntrattur sabiex jara l-kwalita tax-xogħol u s-servizz.

## 6 PROĠETT TAD-*DAYCENTRE*

6.1 Is-Sindku tkellem dwar id-Daycentre fejn spjega kif ix-xogħol bħalissa huwa miexi kif ippjanat. Huwa qal li se jittelgħu żewġ sulari fuq l-istruttura li hemm preżentament.

6.2 Is-Sindku semma li waqt li saret spezzjoni fuq l-istruttura tal-post kien innutat li hemm nuqqas ta stabbilita fis-saqaf fejn preżentament hemm is-Sala tal-Komunita. Kien suġġerritt min naħa tal-perit inkarigat mill-bini biex isiru travi sabiex ikunu jistgħu jifilħu l-piż. Dwar is-sular li se jkun qed jintuża għal Uffiċċju Amministrattiv se jittellgħu żewġ filati oħra, peress li skont il-MEPA l-bini irid ikun fih 12 il-filata.

6.3 Is-Sindku fl-aħħarnet semma li biex isir dan ix-xogħol kollu l-ispiża se jkollha tiżdied b' madwar ħamest elef Euro iktar.

## 7 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Favur il-pagamenti kien hemm qbil anonimu min naħa tal-Kunsilliera preżenti.

7.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kinux waslu lill-Kunsill iċ-ċertifikati tal-Perita li jiċċertifikaw ix-xogħol li kien sar. Is-Segretarju irrisponda li dawn kienu ingħataw lill-

Kunsill. Il-Kunsillier Caruana qal lis-Segretarju biex jlestilu kopja taċ-ċertifikati u jiġi għalihom l-Kunsill.
Il-laqgħa giet fi tmiemha L-Erbgħa 25 ta' Jannar 2012, fis-6.30 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa tax-xahar ta wara.

Konfermati llum ________________________ 2012.

______________________ John Schembri
Sindku

____________________ Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv